ISSN 1725-5104

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 114

Volum 50

Edizzjoni bil-Malti

1 ta' Mejju 2007

Leġiżlazzjoni

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 484/2007 tat-30 ta' April 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 485/2007 tat-30 ta' April 2007 li jistipula l-għajnuna kompensatorja għal banana mkabbra u mqieġħda fis-suq fil-Komunità fl-2006** 3

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 486/2007 tat-30 ta' April 2007 li jistabbilixxi d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta' Mejju 2007 5

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 487/2007 tat-30 ta' April 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti ta' l-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa** 8

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 488/2007 tat-30 ta' April 2007 li jikkoreġi l-verżjonijiet Daniża, Finlandiża u Żvediża tar-Regolament (KE) Nru 327/98 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur** 13

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

Kummissjoni

2007/263/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' April 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2004/210/KE li twaqqaf Kumitati Xjentifiċi fil-qasam tas-sikurezza tal-konsumatur, is-saħħa pubblika u l-ambjent** ([1]) ... 14

2007/264/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' April 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2007/30/KE fir-rigward ta' miżuri tranżitorji għal ċerti prodotti tal-ħalib miksuba fil-Bulgarija** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1787)* ([1]) 16

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

MT

Atti b'titoli b'tipa ċara huma dawk relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' l-affarijiet agrikulturali u huma ġeneralment validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma b'tipa skura u preċeduti minn asterisk.

2007/265/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2007 li temenda l-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE biex tinkludi miżuri tas-saħħa supplimentari għall-kummerċ tan-naħal ħaj, u sabiex taġġorna l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1811)* [1] ... 17

Ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri

2007/266/KE, Euratom:

★ **Deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri tal-25 ta' April 2007 li taħtar imħallef fil-Qorti tal-Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej** 26

2007/267/KE, Euratom:

★ **Deċizjoni tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri tal-25 ta' April 2007 li taħtar imħallfin fil-Qorti tal-Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej** 27

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 484/2007

tat-30 ta' April 2007

li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

[1] ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 386/2005 (ĠU L 62, 9.3.2005, p. 3).

ANNESS

tar-Regolament tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz [1]	Valur fiss ta' l-importazzjoni
0702 00 00	MA	57,6
	TN	139,0
	TR	145,7
	ZZ	114,1
0707 00 05	JO	196,3
	MA	69,3
	TR	109,8
	ZZ	125,1
0709 90 70	TR	110,2
	ZZ	110,2
0805 10 20	CU	41,3
	EG	44,1
	IL	69,5
	MA	48,8
	TN	50,1
	ZZ	50,8
0805 50 10	IL	61,4
	ZZ	61,4
0808 10 80	AR	84,5
	BR	76,5
	CA	99,8
	CL	92,1
	CN	91,2
	NZ	123,5
	US	135,5
	UY	69,1
	ZA	79,5
	ZZ	94,6

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 485/2007

tat-30 ta' April 2007

li jistipula l-ġħajnuna kompensatorja għal banana mkabbra u mqieġħda fis-suq fil-Komunità fl-2006

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93 tat-13 ta' Frar 1993 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-banana [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 12(6) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KEE) Nru 404/93, ġħajnuna kompensatorja lill-produtturi Komunitarji għal kwalunkwe telf ta' dħul hija kkalkulata fuq il-bażi tad-differenza bejn id-dħul ta' referenza b'rata uniformi u d-dħul medju mill-produzzjoni tal-banana mkabbra u mqieġħda fis-suq fil-Komunità matul is-sena kkonċernata.

(2) Mill-1 ta' Jannar 2007, ir-Regolament (KEE) Nru 404/93 kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2013/2006 m'ġħadux jipprovdi għall-iskema ta' ġħajnuna kompensatorja għal banana. Madankollu, skond it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 2013/2006, l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 404/93 ġħadu japplika għall-iskema ta' ġħajnuna kompensatorja tas-sena 2006.

(3) L-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1858/93 tad-9 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93 rigward l-iskema ta' ġħajnuna ġħall-kompens ta' telf ta' dħul mit-tqeġħid fis-suq tas-settur tal-banana [2] jistipula d-dħul ta' referenza b'rata uniformi għal EUR 64,03 kull 100 kilogramma piż nett ta' banana ħadra fil-ħruġ mit-tinda ta' l-ippakkjar.

(4) Fl-2006, id-dħul medju mill-produzzjoni, ikkalkulat fuq il-bażi tal-medja tal-prezzijiet tal-banana mqieġħda fis-swieq barra mir-reġjuni tat-tkabbir fl-istadju tal-kunsinja fl-ewwel port tal-ħatt (oġġetti mhux maħtuta), minn naħa, u l-prezzijiet tal-bejgħ fis-swieq lokali tal-banana mqieġħda fis-suq tar-reġjun tat-tkabbir, min-naħa l-oħra, u jitnaqqsu l-ammonti b'rata uniformi stipulata fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1858/93, kien inqas mid-dħul ta' referenza b'rata uniformi ffissat għas-sena 2006. L-ġħajnuna kompensatorja li għandha tingħata għas-sena 2006 għandha tiġi stabbilita skond dan.

(5) Skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 404/93, ġħajnuna supplimentari tingħata f'reġjun tat-tkabbir jew aktar, meta d-dħul medju mit-tkabbir huwa ferm anqas mill-medja Komunitarja.

(6) Id-dħul medju annwali mit-tkabbir u t-tqeġħid fis-suq ta' banana mkabbra fil-Martinique, il-Gwadalupe u Kreta u l-Lakonja wera li huwa ferm iktar baxx mill-medja Komunitarja matul l-2006. B'riżultat ta' dan, ġħajnuna supplimentari għandha tingħata lir-reġjuni ta' tkabbir ta' Martinique, il-Gwadalupe u Kreta u l-Lakonja. Peress li d-dejta ġħall-2006 turi kundizzjonijiet diffiċili ta' tqeġħid fis-suq, ġħandha tiġi stipulata ġħajnuna supplimentari li tkopri 75 % tad-differenza bejn id-dħul medju Komunitarju u d-dħul medju rreġistrat fil-bejgħ ta' prodotti f'dawk ir-reġjuni.

(7) Billi mhux id-dejta kollha meħtieġa kienet disponibbli, s'issa ġħadu ma kienx possibbli li tiġi determinata l-ġħajnuna kompensatorja ġħas-sena 2006. Ġħandha tiddaħħal dispożizzjoni ġħall-bilanċ ta' l-ġħajnuna ġħall-2006 li jrid jitħallas fi żmien xahrejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(8) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni ġħall-frott u l-ħaxix frisk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-ġħajnuna kompensatorja prevista fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 404/93 ġħal banana friska li taqa' taħt il-kodiċi NM ex 0803, eskluż il-banana pjantaġġini, imkabbra u mqieġħda fis-suq Komunitarju matul l-2006 ġħandha tkun EUR 18,56 kull 100 kilogramma.

2. L-ġħajnuna stipulata fil-paragrafu 1 ġħandha tiżdied bi EUR 13,95 kull 100 kilogramma ġħall-banana mkabbra fil-Martinique, bi EUR 15,42 kull 100 kilogramma ġħall-banana mkabbra fil-Gwadalupe u bi EUR 3,58 kull 100 kilogramma ġħall-banana mkabbra fil-Kreta u l-Lakonja.

[1] ĠU L 47, 25.2.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2013/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 13).

[2] ĠU L 170, 13.7.1993, p.5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).

Artikolu 2

B'deroga għall-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1858/93, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom iħallsu l-bilanċ ta' għajnuna kompensatorja dovuta għas-sena 2006 fi żmien xahrejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, wara l-verifiki previsti f'dak l-Artikolu 10.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 486/2007

tat-30 ta' April 2007

li jistabbilixxi d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta' Mejju 2007

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tal-kunsill fir-rigward ta' dazji fuq l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 jipprovdi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NK 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ ta' kwalità għolja), 1002, ex 1005 minbarra ż-żrieragħ ibridi, u ex 1007 minbarra l-ibridu għaż-żrigħ, id-dazju ta' l-importazzjoni huwa daqs il-prezz ta' l-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt ta' l-importazzjoni, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz ta' l-importazzjoni CIF applikabbli għall-kunsenja kkunċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata ta' dazji fit-Tariffa Doganali Komuni.

(2) L-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 jipprovdi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju għall-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu msemmi, għall-prodotti msemmija hawn fuq kull tant żmien jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi *CIF* għall-importazzjoni.

(3) L-artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 ipprečiża kif jinħadem il-kalkolu tad-dazji ta' l-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NK 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ ta' kwalità għolja), 1002 00, 1005 10 90, 1005 90 00 u 1007 00 90, Dan huwa l-prezz rappreżentattiv ta' l-importazzjoni *CIF* tal-ġurnata stabbilita skond il-metodu pprovdut fl-Artikolu 4 ta' l-imsemmi regolament.

(4) Huwa xieraq li d-dazji ta' l-importazzjoni japplikaw għall-perjodu mis-1 ta' Mejju 2007 u għandhom japplikaw sa meta jiġu stabbiliti u jidħlu fis-seħħ dazji ta' l-importazzjoni ġodda.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mis-1 ta' Mejju 2007 d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 huma stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija fl-Anness II.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1154/2005 (ĠU L 187, 19.7.2005, p. 11).

([2]) ĠU L 161, 29.6.1996 p. 125. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1816/2005 (ĠU L 292, 8.11.2005, p. 5).

ANNESS I

Dazji fuq l-importazzjoni ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 applikabbli mill-1 ta' Mejju 2007

Kodiċi NK	Isem tal-merkanziji	Dazju ta' l-importazzjoni [1] (EUR/t)
1001 10 00	QAMĦ iebes ta' kwalità għolja	0,00
	ta' kwalità medja	0,00
	ta' kwalità baxxa	0,00
1001 90 91	QAMĦ għaż-żrigħ	0,00
ex 1001 90 99	QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ	0,00
1002 00 00	SEGALA	0,00
1005 10 90	QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu	14,52
1005 90 00	QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ [2]	14,52
1007 00 90	SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ	0,00

[1] Ghall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-hatt jinsab fil-bahar Mediterran, jew ta'

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-hatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

[2] L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

ANNESS II

Fatturi ghall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I

16-27 ta' April 2007

1. Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

(EUR/t)

	Qamh (*)	Qamhirrum	Qamh iebes kwalità gholja	Qamh iebes, kwalità medja (**)	Qamh iebes kwalità baxxa (***)	Xghir
Borża	Minneapolis	Chicago	—	—	—	—
Kwotazzjoni	156,24	105,03	—	—	—	—
Prezz *FOB* USA	—	—	176,92	166,92	146,92	131,43
Tariffa fuq il-Golf	—	9,77	—	—	—	—
Tariffa fuq l-Ghadajjar il-Kbar	10,98	—	—	—	—	—

(*) Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
(**) Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
(***) Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

2. Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam 32,71 EUR/t

Merkanzija/Spejjeż L-Ghadajjar il-Kbar–Rotterdam: 32,69 EUR/t

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 487/2007

tat-30 ta' April 2007

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti ta' l-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u fil-prodotti tal-ħalib [1], u partikolarment l-Artikolu 29(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 [2], il-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom ikunu validi biss għall-kodiċi tal-prodott li jidher fuqhom. L-importazzjoni skond il-kwoti tista' taffronta diffikultajiet fejn il-koeffiċjenti ta' l-allokazzjoni għal kull kodiċi ta' prodott inaqqsu l-kwantitajiet li għalihom ikunu tressqu applikazzjonijiet għal liċenzji. Biex jitħaffef il-kummerċ u biex jiġi ottimizat l-użu tal-kwoti ta' l-importazzjoni, huwa f'loku li l-liċenzji ta' l-importazzjoni jkunu wkoll validi għal kodiċijiet ta' prodotti li jaqgħu taħt l-istess numru tal-kwota, sakemm ikunu suġġetti għall-istess dazju ta' l-importazzjoni. Ġaladarba d-dispożizzjonijiet attwali jistgħu jkollhom l-effett li ma jintużawx kwantitajiet ta' liċenzji ta' l-importazzjoni maħruġa f'Jannar 2007, huwa f'loku li jsir provvediment għall-applikazzjoni retroattiva tad-dispożizzjonijiet il-ġodda.

(2) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli [3], approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2002/309/KE, Euratom [4], minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim ma' l-Iżvizzera"), jinkludi l-ftuħ ta' kwoti u t-tnaqqis fid-dazji doganali fuq ċerti prodotti tal-ħalib li joriġinaw fl-Iżvizzera. Fl-Anness 3 tiegħu, dwar konċessjonijiet rigward ġobnijiet, il-punt 1 jipprovdi għal liberalizzazzjoni sħiħa tal-kummerċ bilaterali fil-ġobnijiet mill-1 ta' Ġunju 2007 'l quddiem, wara perjodu tranżitorju ta' ħames snin.

(3) Il-Ftehim ma' l-Iżvizzera għandu l-għan li jsaħħaħ ir-relazzjonijiet ta' kummerċ liberu bejn il-Partijiet billi gradwalment jelimina l-ostakli li jaffettwaw il-parti l-kbira tal-kummerċ bejniethom. Il-kummerċ bilaterali fil-ġobnijiet mill-1 ta' Ġunju 2007 mhu se jibqa' suġġett għall-ebda kwota. Għaldaqstant, u ġaladarba l-kummerċ fil-ġobnijiet bejn il-Komunità u l-Iżvizzera jinvolvi kwantitajiet kbar u valur kummerċjali għoli, huwa f'loku li l-garanzija fuq il-liċenzji ta' l-importazzjoni għall-ġobnijiet li joriġinaw fl-Iżvizzera titnaqqas sostanzjalment.

(4) Wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1719/2005 tas-27 ta' Ottubru 2005 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [5], tħassru l-kodiċijiet tan-NM 0406 90 02 sa 0406 90 06. L-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 għaldaqstant safa żejjed, u għandu jitħassar ukoll.

(5) L-Anness II tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli li sar abbażi ta' l-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [6], approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/138/KE [7], jipprovdi għall-ftuħ ta' kwota tat-tariffi annwali għal ċerti prodotti tal-ħalib. Għandhom jiġu adattati skond dan il-Kapitolu I tat-Titolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 u l-Anness I tiegħu.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3(2), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Madankollu, fejn il-liċenzji jinħarġu taħt kwoti tat-tariffi ta' l-importazzjoni msemmija fil-Kapitolu I u s-Sezzjoni 2 tal-Kapitolu III tat-Titolu 2, għandhom ikunu validi għall-kodiċijiet kollha tan-NM li jaqgħu taħt l-istess numru tal-kwota, sakemm id-dazju ta' l-importazzjoni applikat ikun identiku."

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).
[2] ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2020/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 54).
[3] ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.
[4] ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1.
[5] ĠU L 286, 28.10.2005, p. 1.
[6] ĠU L 61, 28.2.2007, p.29.
[7] ĠU L 61, 28.2.2007, p. 28.

(2) Fl-Artikolu 4, għandu jitħassar il-paragrafu (3);

(3) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (f) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(f) il-kwota li dwarha jipprovdi l-Anness 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità u l-Iżvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2002/309/KE, Euratom (*);

(*) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1."

(b) għandu jiżdied il-punt (i) li ġej:

"(i) il-kwoti li dwarha jipprovdi l-Anness II tal-Ftehim bejn il-Komunità u l-Iżlanda dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/138/KE (*).

(*) ĠU L 61, 28.2.2007, p. 28."

(4) Fl-Artikolu 13(2), it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Madankollu, fil-każ tal-kwoti msemmija fl-Artikolu 5(c) sa (f), (h) u (i), l-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom jinvolvu talanqas 10 tunnellati, u mhux aktar mill-kwantità disponibbli għal kull perjodu."

(5) Fl-Artikolu 19, għandu jiżdied il-punt (h) li ġej:

"(h) Il-Protokoll 3 tal-Ftehim ma' l-Iżlanda.";

(6) L-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (d) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(d) il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli, l-Annessi 2 u 3."

(b) għandu jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. B'deroga mill-Artikolu 3(1), għall-importazzjoni ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 0406 u li joriġinaw mill-Iżvizzera, il-garanzija għandha tkun EUR 1 kull 100 kilogramma netta tal-prodott."

(7) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti F għandha tinbidel bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(b) it-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament għandu jiżdied bħala l-Parti I.

(8) L-Anness II.D għandu jinbidel bit-test fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2007.

Madankollu, l-Artikolu 1(1) għandu japplika għal-liċenzji maħruġa mill-1 ta' Jannar 2007, u l-Artikolu 1(3)(b), (4), (5) u (7)(b) għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"I.F

KWOTA TAT-TARIFFI TAĦT L-ANNESS II TAL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ U L-IŻVIZZERA DWAR IL-KUMMERĊ FI PRODOTTI AGRIKOLI

Kwota numru	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Dazju doganali	Kwota Mill-1 ta' Lulju sa-30 ta' Ġunju f'tunnellati
09.4155	ex 0401 30 ex 0403 10	Krema, ta' kontenut xaħmi ta' piż li jaqbeż is-6 % Yoghurt – bla toġħma miżjuda, u mingħajr frott jew kawkaw miżjud	eżenzjoni	2 000"

ANNESS II

"I.I

KWOTI TAT-TARIFFI TAĦT L-ANNESS II TAL-FTEHIM MA' L-IŻLANDA APPROVAT BID-DEĊIŻJONI 2007/138/KE

Kwota annwali mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju

Numru tal-kwota	Kodiċi NM	Deskrizzjoni (*)	Dazju applikabbli (% ta' l-MFN)	Kwantitajiet (tunnellati)		
				Kwantità annwali	Mill-1.7.2007 sal-31.12.2007	Kwantità kull semestru mill-1.1.2008
09.4205	0405 10 11 0405 10 19	Butir naturali	Eżenzjoni	350	262	175
09.4206	ex 0406 10 20 (**)	"Skyr"	Eżenzjoni	380	285	190

(*) Minkejja r-regoli ta' l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Maghquda, id-diċitura tad-deskrizzjoni tal-prodotti ghandha titqies li ghandha valur indikattiv biss, ġaladarba, fil-kuntest ta' dan l-Anness, l-arranġamenti preferenzjali ghandhom jiġu ddeterminati mill-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM. Fejn hemm referenza ghall-kodiċijiet tan-NM, l-applikabbiltà ta' l-arranġamenti preferenzjali tiġi ddeterminata abbażi tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi ghaliha, mehudin flimkien.

(**) Il-kodiċi tan-NM hija suġġetta ghat-tibdil, fl-istennija tal-konferma tal-klassifika tal-prodott"

ANNESS III

"II. D

DAZJU MNAQQAS SKOND L-ANNESSI II U III TAL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ U L-IŻVIZZERA DWAR IL-KUMMERĊ FI PRODOTTI AGRIKOLI

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Dazju doganali (EUR/100 kg piż nett) mill-1 ta' Ġunju 2007
0402 29 11 ex 0404 90 83	Ħalib speċjali, għat-trabi [1], f'konteniturі ermetikament issiġillati, ta' kontenut nett li ma jaqbiżx 500 g, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, li jeċċedi l-10 %	43,80
0406	Ġobon u baqta	eżenzjoni

[1] 'Ħalib speċjali għat-trabi' tfisser prodotti hielsa minn mikrobi patoġeniċi u li fihom anqas minn 10 000 batterji aerobiċi u anqas minn żewġ batterji koliformi kull gramma"

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 488/2007

tat-30 ta' April 2007

li jikkoreġi l-verżjonijiet Daniża, Finlandiża u Żvediża tar-Regolament (KE) Nru 327/98 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 10(2) u 13(1) tiegħu,

Billi:

Wara l-emenda li saret fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 327/98 [2] bir-Regolament (KE) Nru 2019/2006, sar żball fil-verżjonijiet Daniża, Finlandiża u Żvediża. Biex tiġi assigurata l-applikazzjoni korretta ta' din id-dispożizzjoni, huwa f'loku li dawn il-verżjonijiet lingwistiċi jiġu kkoreġuti kif meħtieġ.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan jikkonċerna biss il-verżjonijiet Daniża, Finlandiża u Żvediża.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 797/2006 (ĠU L 144, 31.5.2006, p. 1).

[2] ĠU L 37, 11.2.1998, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2079/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 48.).

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' April 2007

li temenda d-Deċiżjoni 2004/210/KE li twaqqaf Kumitati Xjentifiċi fil-qasam tas-sikurezza tal-konsumatur, is-saħħa pubblika u l-ambjent

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/263/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 152 u 153 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/210/KE [1] tipprevedi t-twaqqif tal-Kumitat Xjentifiku dwar Prodotti tal-Konsumatur ("l-SCCP"), il-Kumitat Xjentifiku dwar Riskji Sanitarji u Ambjentali ("l-SCHER"), u l-Kumitat Xjentifiku dwar Riskji Sanitarji Emerġenti u dawk li ġew Identifikati Reċentament ("l-SCENIHR") ("il-Kumitati Xjentifiċi"). Il-Kumitati Xjentifiċi huma magħmula minn membri li nħatru mill-Kummissjoni.

(2) Skond l-Artikolu 7(1) ta' dik id-Direttiva, it-terminu tal-kariga tal-membri tal-Kumitat Xjentifiku huwa limitat għal tliet snin u t-terminu tal-membri kurrenti għandu jiskadi fl-24 ta' Lulju 2007.

(3) Huma mistennija żviluppi ġodda matul is-sentejn li jmiss li għandu jkollhom konsegwenzi sinifikanti għall-ħtiġijiet tal-Kummissjoni fir-rigward ta' konsulenza għall-Kummissjoni dwar valutazzjoni tar-riskji u għall-istruttura u l-kompetenzi tal-Kumitati Xjentifiċi. B'mod partikolari, it-twaqqif fl-2008 ta' Aġenzija Ewropea tal-Kimika (ECHA), li timplimenta r-Reġistrazzjoni, l-Awtorizzazzjoni ta' Valutazzjoni u Restrizzjonijiet tal-Kimika (REACH) skond ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] għandu jeħtieġ definizzjoni ġdida ta' l-objettivi ta' l-SCHER.

(4) Sabiex tinkiseb viżjoni aħjar ta' l-objettivi fil-ġejjieni tal-Kumitati Xjentifiċi u biex iħejju għal struttura ta' parir xjentifiku u kompożizzjoni li tkun adattata aktar għall-ħtiġijiet fil-futur, filwaqt li tkun aċċertata il-proviżjoni ta' parir xjentifiku neċessarju sakemm jitwaqqaf l-EHCA, jixraq li tiġi permessa l-prolongazzjoni taż-żmien fil-kariga tal-membri tal-Kumitati Xjentiċi, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, sa perjodu li ma jaqbiżx it-18-il xahar.

(5) Aktar minn hekk, jixraq ukoll li ssir proviżjoni tal-possibbiltà li jiġu appuntati membri ġodda fil-Kumitati Xjentifiċi wara l-pubblikazzjoni ta' sejħa għal turija ta' interess, jekk l-esperjenza meħtieġa ma tkunx disponibbli fuq il-lista ta' riserva.

(6) Huwa urġenti, fid-dawl ta' l-esperjenza operattiva u sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet immedjati, li jiżdiedu n-numru tal-membri ta' l-SCENIHR.

(7) Id-Deċiżjoni 2004/210/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan,

[1] ĠU L 66, 4.3.2004, p. 45.

[2] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Id-Deċiżjoni 2004/210/KE qed tkun emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3(2), l-ewwel sentenza hi ssostitwita b'dan li ġej:

"L-SCENHIR għandu jikkonsisti minn massimu ta' 17-il membru".

(2) L-Artikolu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 7

Il-mandat

1. 1. Il-Membri għandhom jinħatru fuq il-Kumitati Xjentifiċi għal tliet snin, u ma jistgħux iservu għal aktar minn tliet termini konsekuttivi. Sabiex tissalvagwardja l-kontinwità ta' l-esperjenza, il-Kummissjoni tista', f'ċirkostanza eċċezzjonali, iġġedded it-terminu ta' żmien ta' kariga tal-membri ta' Kumitat Xjentifiku għal perjodu ta' mhux iktar minn 18-il xahar.

Il-Membri għandhom iżommu l-kariga sakemm jinbidlu jew jiġġeddu l-ħatriet tagħhom.

Il-membri li għadhom kemm lestew tliet termini konsekuttivi għandhom ikunu eleġibbli ghal shubija ta' Kumitat Xjentifiku ieħor.

2. Meta jinsab li membru ma jipparteċipax fix-xogħol ta' Kumitat Xjentifiku jew jixtieq jirreżenja, il-Kummissjoni tista' ttemm is-shubija tal-membru u taħtar sostitut mil-lista ta' riżervi prevista fl-Artikolu 4 jew, għal raġunijiet iġġustifikati, wara sejħa għal turija ta' interess."

Magħmul fi Brussell, 23 ta' April 2007.

Ghall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' April 2007

li temenda d-Deċiżjoni 2007/30/KE fir-rigward ta' miżuri tranżitorji għal ċerti prodotti tal-ħalib miksuba fil-Bulgarija

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1787)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/264/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/30/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 li tistipula miżuri tranżitorji għat-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti li ġejjin mill-annimali miksuba fi stabbilimenti fil-Bulgarija u r-Rumanija [1] tistipula ċerti miżuri tranżitorji għal prodotti li jiġu mill-annimali li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali [2] u miksuba fi stabbilimenti fil-Bulgarija u r-Rumanija sal-31 ta' Diċembru 2006.

(2) Il-Bulgarija issa talbet il-possibilità li tesporta lejn pajjiżi terzi ċerti prodotti tal-ħalib miksuba fi stabbilimenti f'dak l-Istat Membru qabel il-31 ta' Diċembru 2006 li jaqgħu fl-ambitu tad-Deċiżjoni 2007/30/KE.

(3) Din it-talba tista' tingħata bis-saħħa tal-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 12 (1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3]. F'dan il-qafas, il-Bulgarija pprovdiet it-tagħrif meħtieġ dwar il-ftehim tal-pajjiżi ta' destinazzjoni.

(4) Id-Deċiżjoni 2007/30/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2007/30/KE jiżdied is-sottoparagrafu li ġej:

"Barra minn hekk, il-prodotti tal-ħalib miksuba fi stabbilimenti fil-Bulgarija jistgħu jiġu esportati lejn pajjiżi terzi sal-31 ta' Diċembru 2007 sakemm l-esportazzjoni titwettaq skond l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

(1) ĠU L 8, 13.1.2007, p. 59.
(2) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 365, 20.12.2006, p. 1).
(3) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' April 2007

li temenda l-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE biex tinkludi miżuri tas-saħħa supplimentari għall-kummerċ tan-naħal ħaj, u sabiex taġġorna l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1811)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/265/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa ta' l-annimali stabbiliti f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(1) ta' Direttiva 90/425/KEE [1], u b'mod partikolari fl-Artikolu 22 tagħha,

Billi:

(1) Il-mudell taċ-ċertifikat għall-kummerċ intra-Komunitarju tan-naħal ħaj (*Apis mellifera*) hu stipulat fil-Parti 2 ta' l-Anness E tad-Direttiva 92/65/KEE. F'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa, m'hemm l-ebda rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħanfusa ż-żgħira tal-ġarar tan-naħal (*Aethina tumida*) jew it-Tropilaelaps mite (*Tropilaelaps* spp.), peress li dawn l-impestazzjonijiet qatt ma ġew irreġistrati fil-Komunità.

(2) Madankollu, sabiex tiġi riflessa t-theddida potenzjali ta' dawn l-annimali ta' ħsara, il-preżenza tagħhom hi issa suġġetta għal notifika ta' l-OIE obbligatorja (l-Uffiċċju Internazzjonali tal-Mard Epiżootiku) u ġew stipulati miżuri ta' ħarsien dwar l-importazzjoni ta' naħal ħaj minn pajjiżi terzi fid-Deċiżjoni 2003/881/KE [2].

(3) Minkejja dawn il-miżuri, jekk dawn l-annimali ta' ħsara jiddaħħlu fil-Komunità, jeħtieġ li jitwaqqfu miżuri ta' ħarsien supplimentari sabiex jillimitaw il-firxa tal-mard mal-Komunità kollha. Għalhekk jeħtieġ li ċ-ċertifikat għall-kummerċ intra-Komunitarju għal naħal ħaj u naħal bagħal jiġi vverifikat sabiex jintroduċi rekwiżiti għas-saħħa ta' l-annimali rigward l-impestazzjonijiet tal-ħanfusa ż-żgħira tal-ġarar tan-naħal u t-Tropilaelaps mite.

(4) Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu mmirati biex jillimitaw il-movimenti tan-naħal ħaj (*Apis mellifera*) u n-naħal bagħal (*Bombus* spp.) miż-żoni infettati. B'kunsiderazzjoni tal-ħila tal-ħanfusa ż-żgħira tal-ġarar tan-naħal u t-Tropilaelaps mite li jinfirxu malajr, iż-żona li għandha titqies taħt restrizzjoni fil-każ ta' tifqigħa ta' din il-marda għandha tkun mill-inqas 100 kilometru 'l bogħod mill-post infettat.

(5) Barra minn hekk, Sistema Esperta tal-Kontroll tal-Kummerċ (Traces), sistema veterinarja kompjuterizzata integrata, twaqqfet skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/623/KE [3]. Sabiex Traces taħdem b'mod effettiv kemm jista' jkun, il-mudelli għaċ-ċertifikati għall-kummerċ intra-Komunitarju għandhom ikunu kompatibbli ma' din is-sistema elettronika.

(6) Għalhekk, iċ-ċertifikati tas-saħħa fl-Anness E tad-Direttiva 92/65/KEE għandhom ikunu emendati sabiex iħaffu l-operazzjoni ta' Traces, u ċ-ċertifikat tas-saħħa fil-Parti 2 ta' l-Anness E, barra minn hekk, għandu jkun emendat biex jinkludi l-miżuri tas-saħħa supplimentari għall-kummerċ tan-naħal ħaj u n-naħal bagħal.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness E għad-Direttiva 92/65/KEE huwa ssostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Mejju 2007.

[1] ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2004/68/KE (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 321).

[2] ĠU L 328, 17.12.2003, p. 26. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2005/60/KE (ĠU L 25, 28.1.2005, p. 64).

[3] ĠU L 216, 28.8.2003, p. 58.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

L-ewwel Parti – Ċertifikat tas-Saħħa għall-kummerċ ta' l-annimali mill-irziezet

KOMUNITA' EWROPEA **Certifikat ghall-kummerc Intra Komunitarju**

Parti I: Dettaliji tal-kunsinna pprezentata

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Kodici Postali

I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza

I.2.a. Numru lokali ta' riferenza

I.3. Awtorita Centrali kompetenti

I.4. Awtorita lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodici Postali
Tel. No

I.6. Numru/I ta' certifikati originali

Numru/I ta' dokumenti li jakkum-panjawhom

I.7.

I.8. Pajjiz ta' origini Kodici ISO

I.9.

I.10. Pajjiz ta' destinazzjoni Kodici ISO

I.11.

I.12. Pajjiz ta' origini/Pajjiz ta' hsad
Fond ☐
Isem Numru approvat
Indirizz
Kodici Postali

I.13. Post ta' destinazzjoni
Fond ☐ Stabiliment ☐ Korp approvat ☐
Centru ta' semen ☐ Tim embrijoniku ☐ Ohrajn ☐
Isem Numru approvat
Indirizz
Kodici Postali

I.14. Post ta' tghabija
Kodici Postali

I.15. Data u hin ta' tluq

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐
Identifikazzjoni

I.17. Trasportatur
Isem Numru approvat
Indirizz
Kodici Postali Stat Membru

I.18. Speci ta' annimal /Prodott

I.19. Kodici tal-Komodita (Kodici HS)

I.20. Numru/Kwantita

I.21.

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/ Numru ta' sigill

I.24.

I.25. Annimali certifikati/prodotti certifikati ghal
Tghammir ☐ Simna ☐ Riproduzzjoni artificjali ☐ Qatla ☐ Korp approvat ☐

I.26. Tranzitu minn pajjiz terz ☐
Pajjiz terz Kodici ISO
Post ta' hrug Kodici
Post ta' dhul Numru tal-BIP unit:

I.27. Tranzitu minn Pajjizi Membri ☐
Stat Membru Kodici ISO
Stat Membru Kodici ISO
Stat Membru Kodici ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiz terz Kodici ISO
Post ta' hrug Kodici

I.29. Hin estimat tal-vjagg

I.30. Pjan tar-rotta
Iva ☐ Le ☐

I.31. Identifikazzjoni ta' l-annimali

Speci	(Isem xjentifiku)	Sistema ta ' identifikazzjoni	Numru ta ' identifikazzjoni	Sess	Età	Kwantità

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

92/65 El Annimali mill-irziezet (għasafar tal-priża, għasafar, lagomorfi, klieb, qtates u inmsa)

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. **Tagħrif dwar is-saħħan**	II.a. Numru ta ' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru ta ' referenza lokali

Jiena, is-sottoskritt veterinarju uffiċjali ([1])/veterinarju responsabbli mill-istabbiliment ta ' l-oriġini u approvat mill-awtorità kompetenti niċċertifika li:

II.1. fil-ħin ta ' l-ispezzjoni l-annimali hawn fuq imsemmija kienu b'saħħithom biżżejjed biex jinġarru fuq il-vjaġġ intenzjonat, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill(KE) Nru 1/2005.

II.2. il-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE huma ssodisfatti.

II.3.1. annimal li jixtarr/suwidi ([1]) għajr dak kopert mid-Direttiva 64/432/EEC: ([1])

(a) jagħmel parti mill-ispeċi;

(b) fil-ħin ta' l-eżami, ma jurix xi sinjal kliniku ta' xi mard li huwa suxxettibbli għalih;

(c) ġej minn merħla/razzett li uffiċjalment huwa ħieles minn tuberkożi/uffiċjalment ħieles mill-bruċelożi jew minn merħla/razzett li ma humiex suġġetti għar-restrizzjonijiet tal-marda tal-ħnieżer ([1]) jew minn razzett fejn kien suġġett b'riżultati negattivi għat-testijiet stipulati mill-Artikolu 6(2)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE.

II.3.2. għasafar għajr dawk imsemmija fid-Direttiva 90/539/KEE ([1])

jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva 92/65/KEE u li l-annimali ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta'mard meta ġew eżaminati.

II.3.3. lagomorfi ([1])

jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 9 tad-Direttiva 92/65/KEE u li l-annimali ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard meta ġew eżaminati.

II.3.4. klieb, qtates u inmsa ([1])

Jew [(a) jissodisfaw ir-rekwiżit stipulat fl-Artikoli 5 u 16 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar il-ħtiġijiet rigward is-saħħa ta' l-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali ta' l-annimali domestiċi u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE, u]

Jew [(a) jissodisfaw ir-rekwiżit stipulat fl-Artikoli 6 u 16 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 meta l- kummerċ ikun lejn l-Irlanda, ir-Renju Unit jew l-Iżvezja, u]

(b) għaddew minn eżami kliniku, fi żmien 24 siegħa mill-kunsinna, minn veterinarji awtorizzat mill- awtorità kompetenti, u dan l-eżami juri li l-annimali huma b'saħħithom u jistgħu jivvjaġġaw.

II.4. Il-garanziji supplimentari fir-rigward tal-mard imniżżel fl-Anness B ([2]) tad-Direttiva 92/65/KEE huma kif ġej ([1])

Marda	Deċiżjoni
Marda	Deċiżjoni
Marda	Deċiżjoni

Noti

Il-Parti I:

— Kaxxa ta ' referenza I.6.: Nru(i) ta'dokumenti mehmuża: CITES, jekk applikabbli.

— Kaxxa ta ' referenza I.19.: uża l-kodiċi HS xierqa: 01.06.19, 01.06.31, 01.06.32, 01.06.39.

— Kaxxa ta ' referenza I.31.: Identifikazzjoni: Għandha tintuża l-identifikazzjoni individwali kull fejn ikun possibbli iżda fil-każ ta' l-annimali żgħar, identifikazzjoni tal-lott tista ' tintuża.

Età u Sess: Għandha timtela biss fil-każ ta ' annimali ħajjin, jekk xieraq.

Il-Parti II:

(1) Ħassar kif meħtieġ.
(2) Kif mitlub minn Stat Membru li jibbenefika minn garanziji supplimentari skond il-Leġislazzjoni Komunitarja.
— Il-kulur tat-timbru u l-firma għandhom ikunu differenti minn dawk tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

Veterinarju uffiċjali/approvat

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu

Unità Veterinarja Lokali: Numru ta' l-LVU relatat:

Data: Firma:

Timbru

Il-Parti 2 – Ċertifikat tas-saħħa għall-kummerċ tal-kolonji tan-naħal/irġejjen tan-naħal u tan-naħal bagħal

KOMUNITA' EWROPEA **Certifikat ghall-kummerc Intra Komunitarju**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna pprezentata

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Kodici Postali	I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza I.2.a. Numru lokali ta' riferenza I.3. Awtorita Centrali kompetenti I.4. Awtorita lokali kompetenti
I.5. Destinatarju Isem Indirizz	I.6. I.7.
I.8. Pajjiz ta' origini Kodici ISO I.9.	I.10. Pajjiz ta' destinazzjoni Kodici ISO I.11.
I.12. Pajjiz ta' origini/Pajjiz ta' hsad Fond ☐ Ohrajn ☐ Isem Numru approvat Indirizz Kodici Postali	I.13. Post ta' destinazzjoni Fond ☐ Ohrajn ☐ Isem Isem Indirizz Kodici Postali
I.14. Post ta' tghabija Kodici Postali	I.15. Data u hin ta' tluq
I.16. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐ Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐ Identifikazzjoni	I.17.
I.18. Speci ta' annimal /Prodott	I.19. Kodici tal-Komodita (Kodici CN) 01.06.90 I.20. Numru/Kwantita
I.21.	I.22. Numru ta' pakketti
I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/ Numru ta' sigill	I.24.
I.25. Annimali certifikati/prodotti certifikati ghal Tghammir ☐ Transhumance (caqliq ta' ghanem) ☐	
I.26. Tranzitu minn pajjiz terz ☐ Pajjiz terz Kodici ISO Post ta' hrug Kodici Post ta' dhul Numru tal-BIP unit:	I.27. Tranzitu minn Pajjizi Membri ☐ Stat Membru Kodici ISO Stat Membru Kodici ISO Stat Membru Kodici ISO
I.28. Esportazzjoni ☐ Pajjiz terz Kodici ISO Post ta' hrug Kodici	I.29.
I.30.	
I.31. Identifikazzjoni ta' l-annimali Speċi (Isem xjentifiku) Kwantità Numru tal-baċċ	

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

92/65 EII naħal/irġejjen tan-naħal *(Apis mellifera)* u naħal bagħal *(Bombus* spp.)

IL-Parti II: Ċertifikazzjoni

II. **Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta ' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru ta ' referenza lokali

Jiena, is-sottoskritt niċċertifika li:

II.1. in-naħal/naħal bagħal:

(a) ikunu ġejjin minn żona li ma tkunx suġġetta għal ordni ta ' projbizzjoni assoċjata ma ' ġrajja tal- marda Amerikana fatali tal-batteriji tal-larva (foulbrood). (Il-perijodu ta ' projbizzjoni tkompla għall-inqas għal 30 jum wara l-aħħar każ irreġistrat u d-data li fiha il-qolol f'radju ta ' tliet kilometri ġew ikkontrollati mill-awtorità kompetenti u kull qolla infettata maħruqa jew ittrattata u spezzjonata għas-sodisfazzjoni ta' l-awtorità kompetenti msemmija);

(b) jiġu minn żona ta' għall-inqas 100 km radju li m'hijiex soġġetta għal restrizzjonijiet assoċjati mal-preżenza tal-ħanfusa ż-żgħira tal-ġarar tan-naħal *(Aethina tumida)* jew it-Tropilaelaps mite (*Tropilaelaps* spp.) u meta dawn l-impestazzjonijiet m'mhumiex preżenti;

(c) kif ukoll l-imballaġġ tagħhom għadda minn eżami viżwali sabiex jaraw il-preżenza tal-ħanfusa ż-żgħira tal-ġarar tan-naħal *(Aethina tumida)* jew il-bajd jew il-larva tagħha, jew impestazzjonijiet oħrajn, b'mod partikolari it-*Tropilaelaps* spp., li taffetwa lin-naħal.

II.2. il-garanziji supplimentari fir-rigward tal-mard imniżżel fl-Anness B (1) tad-Direttiva 92/65/KEE huma kif ġej ([2]):

Marda	Deċiżjoni
Marda	Deċiżjoni
Marda	Deċiżjoni

Noti

Il-Parti I:

— Kaxxa ta ' referenza I.31.: Speċi: daħħal l-*Apis mellifera* jew il-*Bombus* spp.
Kwantità: agħti n-numru tal-kolonji.
Numru tal-lott agħti n-numru ta' siġilli fejn applikabbli.

Il-Parti II:

([1]) Kif mitlub minn Stat Membru li jibbenefika minn garanziji supplimentari skond il-Leġislazzjoni Komunitarja.

([2]) Ħassar kif meħtieġ.

— Il-kulur tat-timbru u l-firma għandhom ikunu differenti minn dawk tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

Veterinarju approvat jew uffiċjali approvat

Isem (b ' ittri kbar):	Kwalifika u titlu
Unità Veterinarja Lokali:	Numru ta ' l-LVU relatat:
Data:	Firma:
Timbru	

Il-Parti 3 – Ċertifikat tas-saħħa għall-kummerċ ta' l-annimali, sperma, embrijuni jew ova minn entitajiet, istituti jew ċentri approvati

KOMUNITA' EWROPEA **Certifikat ghall-kummerc Intra Komunitarju**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna pprezentata

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Kodici Postali

I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza

I.2.a. Numru lokali ta' riferenza

I.3. Awtorita Centrali kompetenti

I.4. Awtorita lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodici Postali

I.6. Numru/I ta' certifikati originali

Numru/I ta' dokumenti li jakkumpanjawhom

I.7.

I.8. Pajjiz ta' origini Kodici ISO

I.9.

I.10. Pajjiz ta' destinazzjoni Kodici ISO

I.11.

I.12. Pajjiz ta' origini/Pajjiz ta' hsad
Centru ta' semen ☐ Tim embrijoniku ☐ Korp approvat ☐
Isem Numru approvat
Indirizz
Kodici Postali

I.13. Post ta' destinazzjoni
Fond ☐ Stabiliment ☐ Korp approvat ☐
Centru ta' semen ☐ Tim embrijoniku ☐ Ohrajn ☐
Isem Numru approvat
Indirizz
Kodici Postali

I.14. Post ta' tghabija
Kodici Postali

I.15. Data u hin ta' tluq

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐
Identifikazzjoni

I.17. Trasportatur
Isem Numru approvat
Indirizz
Kodici Postali Stat Membru

I.18. Speci ta' annimal /Prodott

I.19. Kodici tal-Komodita (Kodici CN)

I.20. Numru/Kwantita

I.21.

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/ Numru ta' sigill

I.24.

I.25. Annimali certifikati/prodotti certifikati ghal
Tghammir ☐ Simna ☐ Riproduzzjoni artificjali ☐ Qatla ☐ Korp approvat ☐

I.26. Tranzitu minn pajjiz terz ☐
Pajjiz terz Kodici ISO
Post ta' hrug Kodici
Post ta' dhul Numru tal-BIP unit:

I.27. Tranzitu minn Pajjizi Membri ☐
Stat Membru Kodici ISO
Stat Membru Kodici ISO
Stat Membru Kodici ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiz terz Kodici ISO
Post ta' hrug Kodici

I.29. Hin estimat tal-vjagg

I.30. Pjan tar-rotta
Iva ☐ Le ☐

I.31. Identifikazzjoni ta' l-annimali

Speci	(Isem xjentifiku))	Sistema ta ' identifikazzjoni	Numru ta ' identifikazzjoni	Sess	Età	Kwantità

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

92/65 EIII Annimali sperma, embrijuni u ova minn entitajiet, istituti jew ċentri approvati

II-Parti II: Ċertifikazzjoni

II. **Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta ' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru ta ' referenza lokali

Jiena, is-sottoskritt veterinarju responsabbli għall-istabbiliment ta' l-oriġini u approvat mill-awtorità kompetenti niċċertifika li:

II.1. Il-korp, istitut jew ċentru ta' l-oriġini huwa approvat bi qbil ma ' l-Anness C tad-Direttiva 92/65/KEE għall-iskop ta' negozju ta' l-annimali, sperma, embrijuni jew ova deskritt hawn fuq.

II.2. L-annimali/annimali donaturi deskritti f'dan iċ-ċertifikat ġew eżaminati llum u nstabu li huma b'saħħithom u ħielsa minn sinjali kliniċi ta ' mard li jinfetta inkluż dak imsemmi fl-Anness A tad-Direttiva 92/65/KEE u ma huma soġġetti għall-ebda restrizzjoni uffiċjali u baqgħu fuq dan il-korp, istitut jew ċentru jew mit-twelid jew għal perjodu ta ' żmien li ġej..... (xhur jew snin).

II.3. Fil-ħin ta' l-ispezzjoni l-annimali hawn fuq imsemmija kienu b'saħħithom biżżejjed biex jinġarru fuq il-vjaġġ intenzjonat, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u mal-ħtiġijiet ta' l-IATA u/jew linji ta' gwida CITES għat-trasport fejn applikabbli.

II.4. Il-garanziji supplimentari fir-rigward tal-mard imniżżel fl-Anness B ([1]) tad-Direttiva 92/65/KEE huma kif ġej ([2]):

Marda	Deċiżjoni
Marda	Deċiżjoni
Marda	Deċiżjoni

II.5. L-għasafar jikkonformaw mad-Deċiżjoni 2006/474/KEE tlaqqmu kontra l-Influwenza tat-Tjur fuq..... (data), tilqima .....(isem).

Noti

Il-Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.6.: Nru(i) ta ' dokumenti mehmuża: CITES, jekk applikabbli.

— Kaxxa ta' referenza I.19.: uża l-kodiċi HS xierqa: 01.06.31, 01.06.32, 01.06.39, 01.06.11, 01.06.19, 05.11.99.90.

— Kaxxa ta' referenza I.31.: Identifikazzjoni: l-identifikazzjoni individwali għandha tintuża kull fejn hu possibbli lżda fil-każ ta' l-annimali żgħar, identifikazzjoni tal-lott tista ' tintuża.

Età u Sess: għandha timtela biss fil-każ ta' annimali ħajjin, jekk meħtieġ.

Il-Parti II:

([1]) Kif mitlub minn Stat Membru li jibbenefika minn garanziji supplimentari skond il-Leġislazzjoni Komunitarja.

([2]) Ħassar kif meħtieġ.

— Il-kulur tat-timbru u l-firma għandhom ikunu differenti minn dawk tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

Veterinarju approvat

Isem (b' ittri kbar):	Kwalifika u titlu
Unità Veterinarja Lokali:	Numru ta ' l-LVU relatat:
Data:	Firma:
Timbru'	

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI

DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI

tal-25 ta' April 2007

li taħtar imħallef fil-Qorti tal-Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej

(2007/266/KE, Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 224 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 140 tiegħu,

Billi:

Skond l-Artikoli 5 u 7, flimkien ma' l-Artikolu 47 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Bo Vesterdorf, għandu jinħatar imħallef fil-Qorti tal-Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej għall-perjodu li fadal tal-mandat tiegħu, jiġifieri sal-31 ta' Awissu 2010,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Sten Frimodt Nielsen qed jinħatar imħallef fil-Qorti tal-Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej għall-perijodu mis-17 ta' Settembru 2007 sal-31 ta' Awissu 2010.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' April 2007.

Il-President

W. SCHÖNFELDER

DEĊIZJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI

tal-25 ta' April 2007

li taħtar imħallfin fil-Qorti tal-Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej

(2007/267/KE, Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea, partikolarment l-Artikolu 224 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, partikolarment l-Artikolu 140 tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati tas-Sinjuri Jörg. PIRRUNG, Hubert LEGAL, John D. COOKE, Rafael GARCÍA-VALDECASAS, Nicholas James FORWOOD, tas-Sinjuri Ena CREMONA u Irena PELIKÁNOVÁ, tas-Sinjur Vilenas VADAPALAS, tas-Sinjura Ingrīda LABUCKA u tas-Sinjuri Enzo MOAVERO MILANESI, Nils WAHL, M. PREK u tas-Sinjur Theodore CHIPEV, imħallfin fil-Qorti tal-Prim' Istanza, ser jiskadi fil-31 ta' Awissu 2007.

(2) Jaqbel li wieħed jipproċedi għal rinnovament parzjali tal-membri tal-Qorti tal-Prim' Istanza għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2007 sal-31 ta' Awissu 2013; madankollu, minħabba nuqqas ta' proposta, il-ħatra ta' imħallef ma tkunx tista' ssir ħlief f'data iktar tard,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Qed jiġu maħtura bħala imħallfin fil-Qorti tal-Prim' Istanza għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2007 sal-31 ta' Awissu 2013:

Is-Sinjur Theodore CHIPEV

Is-Sinjur John D. COOKE

Is-Sinjura Ena CREMONA

Is-Sinjur Alfred DITTRICH

Is-Sinjur Nicholas James FORWOOD

Is-Sinjura Ingrīda LABUCKA

Is-Sinjur Enzo MOAVERO MILANESI

Is-Sinjura Irena PELIKÁNOVÁ

Is-Sinjur Miro PREK

Is-Sinjur Laurent TRUCHOT

Is-Sinjur Vilenas VADAPALAS

Is-Sinjur Nils WAHL

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni qed tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, 25 ta' April 2007.

Il-President

W. SCHÖNFELDER